II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1702

tat-12 ta' Lulju 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi elementi addizzjonali u regoli dettaljati għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-InvestEU

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(4)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Il-proposti għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment ippreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għall-kopertura mill-garanzija tal-UE taħt il-Fond InvestEU għandhom jiġu vvalutati mill-Kumitat tal-Investiment skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2021/523.

(2) Il-Kumitat tal-Investiment għandu jwettaq il-valutazzjoni u l-verifika tiegħu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment proposti b'referenza għal tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi, mimlija mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni skont l-Artikolu 22(2), li għandha l-għan li tiżgura evalwazzjoni indipendenti, trasparenti u armonizzata tal-proposti.

(3) Skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2021/523, it-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi tikkonsisti mis-seba' pilastri li ġejjin: il-kontribut tal-operazzjoni għall-objettivi ta' politika tal-UE, id-deskrizzjoni tal-addizzjonalità, il-falliment tas-suq jew is-sitwazzjoni ta' investiment subottimali indirizzati mill-operazzjoni, il-kontribut finanzjarju u tekniku mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, l-impatt tal-operazzjoni, il-profil finanzjarju tal-operazzjoni u l-indikaturi komplementari.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Kumitat tal-Investiment ikun jista' jwettaq valutazzjoni indipendenti, trasparenti u armonizzata tat-talbiet għall-użu tal-garanzija tal-UE, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-elementi, l-indikaturi u s-sottoindikaturi differenti li għandhom jiġu pprovduti għal kull pilastru, kif ukoll il-kriterji ta' valutazzjoni u l-ponderazzjonijiet rilevanti li għandhom jintużaw mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni meta jivvalutaw l-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment proposti.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

([1]) ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-regoli dettaljati li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jużaw biex jimlew it-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/523, biex jippermettu lill-Kumitat tal-Investiment tal-Fond InvestEU jwettaq valutazzjoni indipendenti, trasparenti u armonizzata tat-talbiet għall-użu tal-garanzija tal-UE, huma stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

1. **Prinċipji ġenerali**

Tabella ta' Valutazzjoni tal-indikaturi (it-"Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU") għandha tintuża mill-Kumitat tal-Investiment stabbilit f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (ir-"Regolament InvestEU") biex jiġu vvalutati l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment proposti mis-sħab ta' implimentazzjoni għall-kopertura taħt il-garanzija tal-UE. Bħala parti mill-eżami msemmi fl-Artikolu 24(1) u f'konformità mal-Artikolu 24(4) tar-Regolament InvestEU, il-Kumitat tal-Investiment għandu juża t-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU biex iwettaq valutazzjoni indipendenti, trasparenti u armonizzata tat-talbiet għall-użu tal-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment proposti mis-sħab ta' implimentazzjoni.

It-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU għandha timtela mis-sieħeb ta' implimentazzjoni li jippreżenta proposta għal operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment ([2]), inkluż Operazzjonijiet Qafas ([3]), lill-Kumitat tal-Investiment. Il-livell ta' dettall li għandu jiġi ppreżentat għal kull wieħed mill-pilastri se jvarja bejn l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment individwali u l-Operazzjonijiet Qafas. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, jistgħu jiġu pprovduti stimi globali, bħat-tip ta' intermedjarji finanzjarji, l-għadd stmat u t-tip ta' riċevituri finali, id-daqsijiet medji ta' finanzjament li għandhom jiġu pprovduti lir-riċevituri finali, u l-impatt stmat tal-operazzjoni qafas.

1.1. *Il-kontenut tat-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU*

Skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament InvestEU, it-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU għandha tkopri l-elementi li ġejjin:

(a) **il-preżentazzjoni tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment**, li se tinkludi isimha, ir-riċevitur finali għal operazzjonijiet diretti jew għal operazzjonijiet intermedjati, l-intermedjarju/i finanzjarju/i (jekk magħruf, l-isem tal-intermedjarju finanzjarju; jekk le, tal-inqas it-tip), il-pajjiż(i) tal-implimentazzjoni u deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment;

(b) pilastru 1 – kontribuzzjoni tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment għall-objettivi ta' politika tal-UE;

(c) pilastru 2 - deskrizzjoni tal-addizzjonalità tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment;

(d) pilastru 3 - falliment tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment subottimali indirizzata mill-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment;

(e) pilastru 4 - kontribuzzjoni finanzjarja u teknika mis-sieħeb tal-implimentazzjoni;

(f) pilastru 5 - impatt tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment;

(g) pilastru 6 - profil finanzjarju tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment;

(h) pilastru 7 — indikaturi komplimentari.

1.2. *Valutazzjoni tal-pilastri*

Kull operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment sottomessa lill-Kumitat tal-Investiment għandha tingħata punteġġ mis-sieħeb ta' implimentazzjoni fuq il-pilastri 3, 4, 5, u għandha tiġi vvalutata permezz ta' indikaturi kwalitattivi jew kwantitattivi mingħajr punteġġ fuq il-pilastri 1, 2, 6 u 7.

L-għoti tal-punteġġ għall-pilastri 3, 4, u 5 għandu juża l-iskala li ġejja. L-istess skala għandha tintuża għal indikaturi u għal sottoindikaturi b'punteġġ.

Punti	Punteġġ
1	Mhux ħażin
2	Tajjeb
3	Tajjeb ħafna
4	Eċċellenti

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/523. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

([2]) Kif definit fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament InvestEU.

([3]) Jew inkella faċilità, programm jew struttura li għandha sottoproġetti sottostanti skont it-tifsira tal-Artikolu 24(6) tar-Regolament InvestEU. Biex jiġi evitat kull dubju, kwalunkwe referenza f'dan id-dokument għal operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tinkludi l-Operazzjonijiet Qafas.

Minħabba n-natura tal-kampijiet ta' applikazzjoni tagħhom, kull pilastru li jingħata punteġġ għandu jiġi vvalutat individwalment mingħajr aggregazzjoni f'punteġġ singolu wieħed. Meta l-pilastri jiġu vvalutati permezz ta' indikaturi u sottoindikaturi speċifiċi, il-ponderazzjoni ta' dawk l-indikaturi u s-sottoindikaturi għandha titqies meta jiġi kkalkolat il-punteġġ tal-pilastru rilevanti (billi jiġi mmultiplikat l-għadd rilevanti ta' punti bil-ponderazzjoni rilevanti) ([4]).

Is-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jipprovdu raġunament li jiġġustifika kull punteġġ mogħti, abbażi tal-metodu deskritt fl-Appendiċi rilevanti u ta' elementi rilevanti oħrajn inklużi fir-Regolament InvestEU, fil-Linji Gwida dwar l-Investiment ([5]), fid-dokumenti ta' gwida tal-Kummissjoni bħall-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà ([6]) u fil-metodoloġija ta' traċċar klimatiku u ambjentali ([7]).

Il-Kumitat tal-Investiment għandu jassenja importanza ugwali għal kull pilastru meta jivvaluta l-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment, irrispettivament minn jekk il-pilastru individwali jkunx jippreżenta punteġġ numeriku jew jekk ikunx magħmul minn indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi mingħajr punteġġ.

F'konformità mal-Artikolu 24(4) tar-Regolament InvestEU, il-valutazzjoni pprovduta mis-sieħeb ta' implimentazzjoni ma għandhiex tkun vinkolanti għall-Kumitat tal-Investiment.

1.3. *Pubblikazzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU*

F'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament InvestEU, it-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU rilevanti għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-InvestEU wara l-iffirmar tal-operazzjoni korrispondenti ta' finanzjament jew ta' investiment bejn is-sieħeb ta' implimentazzjoni u l-intermedjarju finanzjarju jew ir-riċevitur finali, kif applikabbli. Fil-każ ta' Operazzjonijiet Qafas, it-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU għandha tiġi ppubblikata wara l-iffirmar tal-ewwel sottoproġett.

Meta jissottometti t-talba għal kopertura taħt il-garanzija tal-UE lill-Kumitat tal-Investiment, is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jissottometti t-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU b'informazzjoni kompluta dwar il-pilastri kollha. It-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU jrid ikun fiha ġustifikazzjoni tal-valutazzjoni f'konformità mal-pilastri minn 1 sa 6 inklużi l-indikaturi rilevanti u l-indikaturi fil-pilastru 7. Għalhekk, it-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU ppreżentata lill-Kumitat tal-Investiment jista' jkun fiha informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew kunfidenzjali li ma tistax tiġi ppubblikata.

Sa mhux aktar tard minn 10 ijiem ta' xogħol wara d-data tal-iffirmar tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, jew tal-ewwel sottoproġett fil-każ ta' Operazzjonijiet Qafas, is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jippreżenta verżjoni pubblika tat-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU lis-Segretarjat tal-Kumitat tal-Investiment li jkun fiha narrattiva li tkopri l-pilastri minn 1 sa 5 u l-indikaturi fil-pilastru 7, li għandha tiġi ppubblikata. Din il-verżjoni pubblika tat-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU ma għandha tinkludi l-ebda informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew kunfidenzjali. Peress li l-profil finanzjarju tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment fih informazzjoni kummerċjalment sensittiva, ma għandha tiġi pprovduta l-ebda informazzjoni dwar il-Pilastru 6 fil-verżjoni pubblika tat-Ta' Valutazzjoni InvestEU.

2. **It-Tabella ta' Valutazzjoni InvestEU**

2.1. *Pilastru 1 – Kontribuzzjoni tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment għall-objettivi ta' politika tal-UE*

Taħt il-pilastru 1, is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jippreżenta sa liema punt l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tikkontribwixxi għaż-żoni eliġibbli ta' InvestEU, f'konformità mal-Anness II tar-Regolament InvestEU, il-Linji Gwida dwar l-Investiment u l-kundizzjonijiet tal-prodott finanzjarju rilevanti. Fir-rigward tal-Kompartiment tal-Istat Membru skont it-tifsira tal-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament InvestEU, il-valutazzjoni għandha tinkludi l-objettivi ta' politika definiti fil-ftehim ta' kontribuzzjoni rilevanti.

L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment iridu jaqgħu tal-anqas f'qasam eliġibbli wieħed taħt it-tieqa ta' politika xierqa tal-prodott finanzjarju rilevanti.

([4]) Jenħtieġ li japplikaw regoli ġenerali ta' arrotondament meta jiġu aggregati l-punteġġi tas-sottoindikaturi. L-arrotondament jenħtieġ li jsir abbażi ta' żewġ deċimali sal-eqreb numru sħiħ: Mhux ħażin (1): 1,00 ≤ x ≤ 1,50; Tajjeb (2): 1,51 ≤ x ≤ 2,50; Tajjeb ħafna (3): 2,51 ≤ x ≤ 3,50; Eċċellenti (4): 3,51 ≤ x ≤ 4,00.

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078 tal-14.4.2021] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-linji gwida għall-investiment għall-Fond InvestEU (ĠU L 234, 2.7.2021, p. 18).

([6]) Avviż tal-Kummissjoni dwar Gwida Teknika dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU (C(2021) 2632 final) (ĠU C 280, 13.7.2021, p. 1).

([7]) Avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida dwar it-traċċar klimatiku u ambjentali tal-Programm InvestEU (C(2021) 3316 final).

2.2. *Pilastru 2 – Deskrizzjoni tal-addizzjonalità tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment*

Taħt il-pilastru 2, is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jippreżenta l-argumenti ewlenin li jispjegaw għalfejn l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment hija addizzjonali għal sorsi privati jew għal appoġġ eżistenti minn sorsi pubbliċi oħra, jew għat-tnejn li huma. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu, b'mod partikolari, juri li l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tikkonforma ma' mill-inqas waħda mill-karatteristiċi elenkati fil-punti minn (a) sa (f) tat-tieni paragrafu tal-Anness V.A.2 tar-Regolament InvestEU (ara l-Appendiċi 1).

2.3. *Pilastru 3 – Falliment tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment subottimali indirizzata mill-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment*

Taħt il-pilastru 3, is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jippreżenta l-falliment(i) tas-suq u s-sitwazzjoni(jiet) subottimali ta' investiment li l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tindirizza. Kull operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment għandha tindirizza tal-inqas waħda mill-karatteristiċi stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tal-Anness V.A.1 tar-Regolament InvestEU. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jidentifika l-karatteristika/ċi li magħha/hom tikkonforma l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment u jinkludi l-ġustifikazzjoni korrispondenti (ara l-Appendiċi 2).

Abbażi ta' dawn il-karatteristiċi identifikati, is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jivvaluta sa liema punt l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tindirizza sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali u diskrepanzi fl-investiment li jirriżultaw minn fallimenti tas-suq. Is-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jagħtu punteġġ lil dan il-pilastru f'konformità mal-kriterji ta' għoti ta' punteġġ stabbiliti fl-Appendiċi 2. L-operazzjonijiet li jindirizzaw biss falliment wieħed tas-suq jew sitwazzjoni waħda ta' investiment subottimali jkollhom punteġġ li jikkorrispondi għal "Mhux ħażin", filwaqt li l-operazzjonijiet li jindirizzaw fallimenti addizzjonali tas-suq jew sitwazzjonijiet addizzjonali ta' investiment subottimali jiżdidilhom il-punteġġ. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jindirizzaw biss falliment wieħed tas-suq se jiżdidilhom il-punteġġ skont is-sinifikat tal-falliment tas-suq li qed jindirizzaw u/jew tal-enfasi tagħhom fuq prijoritajiet ta' politika speċifiċi kif deskritt fl-Appendiċi 2, it-Tabelli 1 u 2.

2.4. *Pilastru 4 - Kontribuzzjoni finanzjarja u teknika mis-sieħeb tal-implimentazzjoni*

Il-pilastru 4 jiffoka fuq il-valur miżjud bl-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni, billi joffri benefiċċji finanzjarji u tekniċi lill-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment. Il-punteġġ totali ta' dan il-pilastru 4 għandu jkun ibbażat fuq il-punteġġi individwali tal-indikaturi sottostanti, kif deskritt fl-Appendiċi 3. Approċċ differenti huwa deskritt għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jikkonsistu f'finanzjament dirett u f'finanzjament intermedjat.

Il-pilastru 4 jiġi vvalutat bl-użu tal-indikaturi kif deskritt hawn taħt.

1. il-benefiċċji finanzjarji ġġenerati mill-intervent tas-sieħeb ta' implimentazzjoni (ponderazzjoni tal-finanzjament dirett: 12,5 %; finanzjament intermedjat: ponderazzjoni 35 %). Dan jirreferi għall-benefiċċji finanzjarji li jġib l-intervent tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-kontroparti tiegħu bħal rati tal-imgħax aktar baxxi;

2. maturità itwal għall-finanzjament ipprovdut lir-riċevituri finali (għal ponderazzjoni tal-finanzjament dirett biss: 25 %). Dan jirreferi għall-perjodu ta' maturità li għalih il-finanzjament isir disponibbli għar-riċevitur finali;

3. benefiċċji oħrajn iġġenerati għar-riċevituri finali (għal ponderazzjoni tal-finanzjament dirett biss: 12,5 %;). Dan jirreferi għal benefiċċji oħrajn bħal perjodi ta' grazzja, aktar flessibbiltà tal-ġbid tal-kreditu, il-possibbiltà li jiġu riveduti r-rati tal-imgħax, li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għar-riċevituri finali;

4. inklużjoni ta' investituri oħra u effett ta' sinjalar (ponderazzjoni tal-finanzjament dirett: 25 %; ponderazzjoni tal-finanzjament intermedjat: 40 %): dan jirreferi għar-rwol katalitiku tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fil-mobilizzazzjoni ta' investituri privati jew pubbliċi oħrajn u l-effett ta' sinjalar fis-suq;

5. parir finanzjarju u/jew għarfien espert dwar l-istrutturar (kemm għal ponderazzjoni tal-finanzjament dirett kif ukoll għal dak intermedjat: 12,5 %): dan ikopri d-dimensjonijiet kollha tal-għarfien espert finanzjarju konsultattiv/dwar l-istrutturar ipprovdut mis-sieħeb ta' implimentazzjoni (inkluż fil-kapaċità tiegħu bħala sieħeb konsultattiv taħt iċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU). Dan jinkludi l-involviment upstream tas-servizzi ta' konsulenza, l-għarfien espert intern tas-sieħeb ta' implimentazzjoni li jikkontribwixxi għat-titjib tal-istruttura finanzjarja ta' operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment matul it-tħejjija jew l-implimentazzjoni, inkluż permezz ta' strutturi ta' finanzjament innovattivi, jekk applikabbli;

6. parir tekniku u kontribuzzjoni (kemm għal ponderazzjoni tal-finanzjament dirett kif ukoll għal dak intermedjat: 12,5 %): id-dimensjonijiet kollha tal-parir tekniku pprovdut mis-sieħeb ta' implimentazzjoni (inkluż fil-kapaċità tiegħu bħala sieħeb konsultattiv taħt iċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU). Dan jinkludi l-involviment upstream tas-servizzi ta' konsulenza, l-involviment tal-assistenza teknika esterna ffinanzjata u/jew issorveljata mis-sieħeb ta' implimentazzjoni, u l-għarfien espert intern tas-sieħeb ta' implimentazzjoni li jikkontribwixxi għat-titjib ta' operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, inkluża l-investibbiltà tagħha u l-materjalizzazzjoni tal-investimenti/proġetti/finanzjamenti.

2.5. *Pilastru 5 - L-impatt tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment*

Il-punteġġ totali ta' dan il-pilastru għandu jkun ibbażat fuq il-punteġġi individwali tal-indikaturi u tas-sottoindikaturi sottostanti, kif deskritt fl-Appendiċi 4 hawn taħt. Approċċ differenti huwa deskritt għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jikkonsistu f'finanzjament dirett u f'finanzjament intermedjat.

2.5.1 finanzjament dirett

Għandhom jiġu applikati d-dimensjonijiet, u l-indikaturi u s-sottoindikaturi li jirriżultaw u li huma deskritti hawn taħt.

1. **Impatt ekonomiku u fuq it-tkabbir**: dan l-indikatur għandu jirrifletti l-kontribuzzjoni ta' operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment għall-attività ekonomika u t-tkabbir sostenibbli tagħha f'termini ta' kostijiet u benefiċċji soċjoekonomiċi. Il-punteġġ assenjat lil dan l-indikatur għandu jkun ibbażat fuq ir-rata ta' redditu ekonomika tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment ("ERR") ikkalkolata mis-sieħeb ta' implimentazzjoni ([8]).

   L-ERR jiġi kkwantifikat bl-użu tal-aħjar prattika fl-evalwazzjoni ekonomika. Huwa jqis l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, inklużi l-effetti kollaterali tagħha (eż. l-effetti pożittivi tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, il-benefiċċji klimatiċi fit-tul, l-impatti fuq is-suq tax-xogħol, u/jew l-effetti ambjentali pożittivi u negattivi). Madankollu, hemm ukoll proġetti li l-ERR tagħhom jista' jkun diffiċli li jiġi stmat, jew metodi ta' evalwazzjoni ekonomika li mhux neċessarjament jeħtieġu riżultat tal-ERR numeriku (eż. analiżi b'diversi kriterji). Għadd ta' setturi huma mmexxija mill-konformità mal-istandards tal-Unjoni u l-enfasi primarja tal-valutazzjoni tista' tkun li tiżgura li tiġi adottata l-irħas soluzzjoni biex jintlaħqu dawn l-objettivi (eż. it-trattament tal-ilma u tal-iskart).

   Meta l-ERR ma jkunx kwantifikabbli, il-punteġġ ta' dan l-indikatur jista' jkun ibbażat fuq valutazzjoni kwalitattiva ġġustifikata tal-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-proġett ([9]), u l-impatti mistennija tiegħu fuq l-attività ekonomika u fuq it-tkabbir sostenibbli. Din il-valutazzjoni kwalitattiva jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn analiżi tal-adegwatezza kemm tal-ispejjeż tal-investiment kif ukoll ta' dawk operattivi biex jintlaħqu l-objettivi mistennija, possibbilment permezz ta' analiżi tal-irħas spiża u valutazzjoni komparattiva ma' investimenti komparabbli.

   Dan l-indikatur għandu jammonta għal [40 %] tal-punteġġ totali ta' dan il-pilastru.

2. **Impatt fuq l-impjiegi:** Dan l-indikatur għandu jirrifletti l-kontribuzzjoni mistennija tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment f'termini ta' impjiegi maħluqa jew appoġġati matul il-ħajja tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, filwaqt li jitqies l-ammont ta' finanzjament ipprovdut mill-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu wkoll jikkummenta dwar il-kompożizzjoni bejn il-ġeneri tar-riċevitur finali (b'mod partikolari fir-rwoli tat-teħid tad-deċiżjonijiet).

   Dan l-indikatur għandu jammonta għal [15 %] tal-punteġġ totali ta' dan il-pilastru.

([8]) F'konformità mal-metodoloġija tas-sieħeb ta' implimentazzjoni stess. Jekk is-sieħeb ta' implimentazzjoni ma jkollu l-ebda metodoloġija fis-seħħ, għandhom jintużaw referenzi rilevanti inklużi fil-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà biex jiggwidaw l-analiżi. Il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-ERR għandha tkun konsistenti ma' prattika tajba aċċettata fuq livell internazzjonali. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara tas-suppożizzjonijiet sottostanti użati għall-kalkolu tal-ERR, inkluż il-benefiċċji meqjusa u l-valuri unitarji użati għall-monetizzazzjoni tagħhom.

([9]) Fost id-dokumenti ta' referenza deskritti fil-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà, il-gwida tas-CBA tal-Kummissjoni u l-Vademecum tal-Evalwazzjoni Ekonomika li jmiss it-tnejn jipprovdu indikazzjonijiet ta' spejjeż u benefiċċji tipiċi għal għadd ta' setturi. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni jista' juża wkoll metodoloġiji internazzjonali alternattivi rikonoxxuti.

3. **Aspetti ta' verifika tas-sostenibbiltà**: dan l-indikatur għandu jirrifletti r-riżultati tal-kontrolli ([10]) u l-valutazzjonijiet tal-verifika tas-sostenibbiltà, kif applikabbli, inkluż:

— Il-proġett, inkluż kwalunkwe miżura kompensatorja jew ta' mitigazzjoni implimentata, ma għandu l-ebda impatt dannuż sinifikanti fuq ebda waħda mit-tliet dimensjonijiet tas-sostenibbiltà (il-klima, l-ambjent u s-soċjetà) abbażi tal-iskrinjar ta' InvestEU;

— Il-proġett għandu impatti klimatiċi, ambjentali u/jew soċjali pożittivi;

L-indikatur ta' verifika tas-sostenibbiltà għandu jammonta għal [45 %] tal-punteġġ totali ta' dan il-pilastru u għandu jkun ibbażat fuq il-punteġġi tas-subindikaturi sottostanti li ġejjin ponderati kif indikat fihom, inklużi punti addizzjonali, indikat fihom, li jistgħu jingħataw bħala bonus f'każ li l-promotur tal-proġett, f'kooperazzjoni mas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, jaqbel li jinvolvi ruħu fl-aġenda pożittiva kif deskritt fil-gwida dwar il-prova tas-sostenibbiltà:

(i) **aspetti klimatiċi [15 %]**: dan is-sottoindikatur għandu jirrifletti l-impatti klimatiċi pożittivi jew negattivi u r-riskji tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment.

Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jivverifika:

— jekk hemmx impatti klimatiċi negattivi permanenti jew temporanji relatati mal-proġett kemm f'termini ta' mitigazzjoni tal-klima (emissjonijiet ta' gassijiet serra) kif ukoll f'termini ta' adattament tal-klima (impatti, perikli u riskji tal-klima), u wkoll jekk u kif dawn se jiġu mitigati jew ikkumpensati;

— kif se jiġi ġestit dan it-tħassib relatat mal-klima (jiġifieri miżuri meħuda biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew biex jitnaqqas ir-riskju residwu tal-impatti u l-perikli tat-tibdil fil-klima għal livell aċċettabbli);

— jekk hemmx impatti klimatiċi pożittivi li jirriżultaw mill-proġetti ([11]) u l-livell tas-sinifikat tagħhom.

(ii) **aġenda pożittiva volontarja *(bonus*)[7,5 %]: dan is-sottoindikatur huwa indikatur ta' bonus u għandu jirrifletti l-fatt li** għal proġetti taħt il-limitu stabbilit fil-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà, jitwettqu l-valutazzjonijiet volontarji klimatiċi, u li jittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati r-riskji klimatiċi identifikati.

(iii) **aspetti ambjentali [15 %]**: dan is-sottoindikatur għandu jirrifletti l-impatti ambjentali pożittivi jew negattivi u r-riskji tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment.

Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jivverifika:

— jekk ikunx hemm impatti ambjentali negattivi permanenti jew temporanji u jekk ikunux se jiġu mmitigati jew ikkumpensati, u kif;

— kif se jiġu ġestiti l-impatti u r-riskji relatati mal-ambjent (ir-riskji residwi wara l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew ta' kumpens);

— jekk ikunx hemm impatti ambjentali pożittivi li jirriżultaw mill-proġetti ([12]) u l-livell ta' sinifikat tagħhom.

(iv) **aġenda pożittiva volontarja (*bonus*)[7,5 %]**: dan is-sottoindikatur huwa indikatur ta' bonus u għandu jirrifletti impenn volontarju għal miżuri li jistgħu jikkontribwixxu biex isaħħu l-effetti pożittivi tal-proġett u/jew ikomplu jimmitigaw l-impatti, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa.

(v) **aspetti soċjali [15 %]**: Dan is-sottoindikatur għandu jirrifletti l-impatti soċjali pożittivi jew negattivi u r-riskji tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment.

Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jivverifika:

— jekk ikunx hemm impatti soċjali permanenti jew temporanji negattivi u jekk ikunux se jiġu mmitigati jew ikkumpensati, u kif;

([10]) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà.
([11]) Ma jitwettaqx fuq bażi volontarja kif deskritt fil-punt li ġej dwar l-"Aġenda pożittiva volontarja".
([12]) Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

— kif se jiġu ġestiti dawn l-impatti u r-riskji relatati mal-aspetti soċjali (ir-riskji residwi wara l-introduzzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew ta' kumpens),

— jekk ikunx hemm impatti soċjali pożittivi li jirriżultaw mill-proġett ([13]) u l-livell ta' sinifikat tagħhom.

(vi) **aġenda pożittiva volontarja (*bonus*)[7,5 %]**: dan is-sottoindikatur huwa indikatur ta' bonus u għandu jirrifletti impenn volontarju għal miżuri, li jistgħu jikkontribwixxu biex isaħħu l-effetti pożittivi tal-proġett u/jew ikomplu jimmitigaw l-impatti, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa.

Informazzjoni aktar dettaljata dwar il-kriterji tal-għoti tal-punteġġ u li tikkonċerna l-aspetti tal-verifika tas-sostenibbiltà deskritta fil-punt 3 hija ppreżentata fl-Appendiċi 4, fit-**Tabella 2**.

Għal proġetti li għalihom, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà, ma jiġi identifikat l-ebda impatt li jeħtieġ valutazzjoni ulterjuri għal sottoindikatur speċifiku, huwa meqjus li l-punteġġ għall-indikatur "Aspetti ta' verifika tas-sostenibbiltà" ikun "Tajjeb" dment li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti legali rilevanti u l-ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' verifika tiġi ppreżentata lill-Kumitat tal-Investiment. Jistgħu jingħataw punti addizzjonali f'każ li jiġu identifikati b'mod ċar impatti pożittivi jew f'każ li jittieħdu miżuri volontarji biex tiżdied il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà.

Għas-sottoindikaturi taħt l-**"Aspetti ta' verifika tas-sostenibbiltà"**, tista' tiġi miftiehma sistema ekwivalenti tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fil-ftehim ta' garanzija.

2.5.2 Finanzjament intermedjat

Dan il-pilastru se jipprovdi valutazzjoni tal-impatt tal-operazzjoni korrispondenti ta' finanzjament jew ta' investiment fuq l-aċċess għall-finanzjament u t-titjib tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament għar-riċevituri finali. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-indikaturi u fuq is-sottoindikaturi li ġejjin:

1. **Żieda fl-aċċess għall-finanzjament u t-titjib tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament għar-riċevituri finali:** dan l-indikatur għandu jirrifletti l-aspetti li ġejjin:

   (i) skala ta' finanzjament li ssir disponibbli mill-intermedjarju finanzjarju lir-riċevituri finali, relatata mal-finanzjament appoġġat minn InvestEU (jiġifieri ingranaġġ) (ponderazzjoni: 30 %);

   (ii) benefiċċji għar-riċevituri finali (ponderazzjoni 30 %): dan l-indikatur ikopri sensiela ta' benefiċċji ġġenerati għar-riċevitur finali;

   (iii) impatt mistenni fuq l-ekosistema finanzjarja (ponderazzjoni: 20 %), kompetizzjoni mtejba/diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament/prodott ġdid/intermedjarji ġodda.

Dan l-indikatur għandu jammonta għal [80 %] tal-punteġġ totali tal-pilastru 5.

2. **Impatt fuq l-impjiegi:** dan l-indikatur għandu jkun ibbażat fuq l-impjiegi li mistennija jiġu appoġġati fil-livell tar-riċevitur finali, għal kull EUR miljun tal-finanzjament ipprovdut mill-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment.

Dan l-indikatur għandu jammonta għal [20 %] tal-punteġġ totali tal-pilastru 5.

2.6. *Pilastru 6 - Profil finanzjarju tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment*

Il-profil finanzjarju tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment għandu jiġi vvalutat abbażi ta' metriċi tar-riskju rilevanti bħat-Telf Mistenni (EL), il-firxa tal-EL taħt il-prodott finanzjarju li għalih tappartjeni l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, ir-rata ta' trasferiment, ir-Rata Interna ta' Redditu (IRR) mistennija u l-klassifikazzjoni tal-kontroparti jew informazzjoni kwantitattiva oħra dwar l-aspetti tar-riskju f'konformità mal-kriterji finanzjarji kif iddefiniti għal kull prodott finanzjarju fil-ftehim ta' garanzija (ara l-Appendiċi 5). F'każ li metriċi tar-riskju bħal dawn ma jkunux disponibbli fir-rigward tal-kriterji finanzjarji kif definiti għal kull prodott finanzjarju fil-ftehim ta' garanzija, għandha tiġi pprovduta valutazzjoni kwalitattiva ta' kif l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tidħol fil-portafoll ġenerali previst appoġġat taħt il-prodott finanzjarju InvestEU.

2.7. *Pilastru 7 — Indikaturi komplimentari*

Dan il-pilastru jinkludi lista ta' indikaturi obbligatorji (ara l-Appendiċi 6), li ma jingħatawx punteġġ.

([13]) Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

Il-lista ta' indikaturi obbligatorji għandha tinkludi indikaturi speċifiċi għall-operazzjoni, li jippermettu lill-Kumitat tal-Investiment ikollu xi informazzjoni dettaljata addizzjonali dwar aspetti speċifiċi tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, bħall-investiment mobilizzat, l-effett multiplikatur u indikaturi rilevanti oħra speċifiċi għall-operazzjoni iddeterminati mill-prodott finanzjarju rilevanti.

Il-lista tista' tinkludi wkoll indikaturi tal-kompartiment tal-Istati Membri, jekk isir ftehim bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni skont il-ftehim ta' kontribuzzjoni u jekk tiġi trasposta fil-ftehim ta' garanzija rilevanti mas-sieħeb ta' implimentazzjoni.

F'każ ta' finanzjament intermedjat, is-sieħeb ta' implimentazzjoni jrid jipprovdi informazzjoni dwar **l-aspetti tal-ESG** ([14])**,** kif applikabbli ([15]). Dan l-indikatur għandu jirrifletti s-simplifikazzjoni tal-aspetti tal-ESG mill-intermedjarji finanzjarji fl-attività tagħhom. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jivverifika jekk l-intermedjarju finanzjarju jkollux sistema ta' ġestjoni ambjentali u soċjali (jew ekwivalenti) fis-seħħ proporzjonata għall-profil tar-riskju tas-sostenibbiltà ([16]) tal-portafoll/i tiegħu. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu jiddeskrivi fil-qosor il-livell tal-kontrolli li jsiru fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju u jekk is-sistema ta' ġestjoni ambjentali u soċjali titqiesx adegwata għal-livell tar-riskju ta' sostenibbiltà tal-portafoll tiegħu (f'konformità mar-rekwiżiti tal-kapitolu 3 tal-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà). Dan għandu jindika wkoll jekk ġewx identifikati diskrepanzi u jekk l-intermedjarju kienx meħtieġ jirrimedja dawk id-diskrepanzi, skont kif applikabbli.

([14]) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà.
([15]) Fil-każ ta' operazzjoni qafas, jekk disponibbli fil-mument tas-sottomissjoni.
([16]) Kif definit fil-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà.

APPENDIĊI 1

Pilastru 2 - Deskrizzjoni tal-addizzjonalità tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment

Biex jintwera li l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jibbenefikaw mill-garanzija tal-UE huma addizzjonali għall-appoġġ eżistenti tas-suq u għal appoġġ eżistenti pubbliku ieħor, is-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jagħtu informazzjoni li turi tal-inqas waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

(a) appoġġ li jingħata permezz ta' pożizzjonijiet subordinati fir-rigward ta' selliefa pubbliċi jew privati oħrajn jew fl-istruttura ta' finanzjament;

(b) appoġġ li jingħata permezz ta' ekwità jew kważi-ekwità jew permezz ta' dejn b'perjodi ta' maturità twal, prezzijiet, rekwiżiti tal-kollateral jew kundizzjonijiet oħra li ma humiex disponibbli biżżejjed fis-suq jew minn sorsi pubbliċi oħra;

(c) appoġġ li jingħata għall-operazzjonijiet li jippreżentaw profil ta' riskju ogħla meta mqabbla mar-riskju aċċettat ġeneralment mill-attivitajiet standard tas-sieħeb ta' implimentazzjoni jew appoġġ li jingħata lis-sħab ta' implimentazzjoni biex jeċċedu l-kapaċità tagħhom stess biex jappoġġaw operazzjonijiet bħal dawn;

(d) parteċipazzjoni f'mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tar-riskju li għandhom l-oqsma ta' politika fil-mira tagħhom, li tesponi lis-sieħeb ta' implimentazzjoni għal livelli ta' riskju ogħla meta mqabbla mal-livelli ġeneralment aċċettati mis-sieħeb ta' implimentazzjoni jew li l-atturi finanzjarji privati jistgħu jew jkunu lesti li jaċċettaw;

(e) appoġġ li jikkatalizza/jattira finanzjamenti privati jew pubbliċi addizzjonali u li jkun kumplimentari għal sorsi privati u kummerċjali oħra, b'mod partikolari minn klassijiet ta' investituri jew investituri istituzzjonali tradizzjonalment avversi għar-riskju, b'riżultat tal-effett ta' sinjalar tal-appoġġ mogħti taħt il-Fond InvestEU;

(f) appoġġ li jingħata permezz ta' prodotti finanzjarji li ma jkunux disponibbli jew li ma jkunux offruti f'livell suffiċjenti fil-pajjiżi jew fir-reġjuni fil-mira minħabba swieq neqsin, sottożviluppati jew mhux kompluti.

Għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment intermedjati, b'mod partikolari għall-appoġġ tal-SMEs, l-addizzjonalità għandha tkun ivverifikata fil-livell tal-intermedjarju, iktar milli fil-livell tar-riċevitur finali. L-addizzjonalità għandha titqies li teżisti meta l-Fond InvestEU jappoġġa lill-intermedjarju finanzjarju fl-istabbiliment ta' portafoll ġdid b'livell ta' riskju ogħla jew iżid il-volum ta' attivitajiet li diġà jippreżentaw riskju għoli, meta mqabbla mal-livelli ta' riskju li l-atturi finanzjarji privati u pubbliċi attwalment jkunu jistgħu jew jkunu lesti li jaċċettaw fil-pajjiżi jew fir-reġjuni fil-mira.

APPENDIĊI 2

Pilastru 3 - Falliment tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment subottimali indirizzat(a) mill-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment

Deskrizzjoni sostanzjata tal-falliment tas-suq jew tas-sitwazzjoni subottimali ta' investiment indirizzata mill-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment abbażi tar-rekwiżiti stipulati fl-Anness V.A.1 tar-Regolament InvestEU kif ippreżentati fil-punti minn (a) sa (f) tat-tieni paragrafu.

Biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq jew is-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali kif imsemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 209(2) tar-Regolament Finanzjarju ([1]), l-investimenti mmirati mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment għandhom jinkludu waħda minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) ikollhom in-natura ta' ben pubbliku li għalih l-operatur jew il-kumpanija ma jkunux jistgħu jiksbu biżżejjed benefiċċji finanzjarji (bħall-edukazzjoni u l-ħiliet, il-kura tas-saħħa u l-aċċessibbiltà, is-sigurtà u d-difiża, u l-infrastrutturi disponibbli mingħajr ħlas jew bi ħlas negliġibbli);

(b) esternalitajiet li l-operatur jew il-kumpanija ġeneralment jonqsu milli jinternalizzaw bħall-investiment fir-R&Ż, l-effiċjenza enerġetika, il-ħarsien tal-klima jew tal-ambjent;

(c) asimmetriji fl-informazzjoni, b'mod partikolari fil-każ tal-SMEs u tal-kumpaniji ż-żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, inkluż livelli tar-riskju ogħla relatati ma' ditti fi stadju bikri, ditti li l-aktar ikollhom assi intanġibbli jew kollateral insuffiċjenti, jew ditti li jiffukaw fuq attivitajiet b'riskju ogħla;

(d) proġetti infrastrutturali transfruntiera u servizzi relatati jew fondi li jinvestu fuq bażi transfruntiera biex jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-suq intern u jżidu l-koordinazzjoni fis-suq intern;

(e) esponiment għal livelli ogħla ta' riskji f'ċerti setturi, pajjiżi jew reġjuni lil hinn mil-livelli li l-atturi finanzjarji privati jkunu kapaċi jew lesti li jaċċettaw, inkluż meta l-investiment ma jkunx sar jew ma jkunx sar bl-istess mod minħabba n-novità tiegħu jew minħabba riskji assoċjati mal-innovazzjoni jew teknoloġija mhux ippruvata;

(f) fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali ġodda jew kumplessi f'konformità mal-punt (a)(iii) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament InvestEU.

Tabella 1

Pilastru 3 – L-operazzjonijiet kollha ta' finanzjament u ta' investiment ħlief għall-finanzjament intermedjat għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja

Indikatur	Mhux ħażin (= 1)	Tajjeb (= 2)	Tajjeb ħafna (= 3)	Eċċellenti (= 4)
Falliment tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment subottimali indirizzata mill-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment	Operazzjoni standard ta' finanzjament jew ta' investiment li tindirizza falliment tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment subottimali inerenti għas-suq/għas-settur prinċipali. JEW	Operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment li tindirizza: (i) falliment tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment subottimali inerenti għas-suq/għas-settur prinċipali kif ukoll (ii) falliment rilevanti ieħor tas-suq. JEW	Operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment li tindirizza: (i) falliment tas-suq jew sitwazzjoni ta' investiment subottimali inerenti għas-suq/għas-settur prinċipali kif ukoll (ii) tal-anqas żewġ fallimenti rilevanti oħra tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. JEW	Operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment li hija eżemplari jew trasformattiva fl-indirizzar ta' diversi fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali permezz ta' innovazzjoni/teknoloġija jew effetti kollaterali ta' tfixkil.

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

	Operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment li tindirizza falliment tas-suq prinċipali li jinsab fil-livell inferjuri tal-ispettru tal-prevalenza (sinifikat) tiegħu fis-suq rispettiv.	Operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment li tindirizza falliment tas-suq prinċipali li jinsab fil-medda medja tal-ispettru tal-prevalenza (sinifikat) tiegħu fis-suq rispettiv.	Operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment li tindirizza falliment tas-suq prinċipali li jinsab fil-livell għoli tal-ispettru tal-prevalenza (sinifikat) tiegħu fis-suq rispettiv.	

Tabella 2

Pilastru 3 - Finanzjament intermedjat tal-Pilastru 3 għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja

Il-finanzjament intermedjat immirat lejn l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja għandu jirċievi punt wieħed. Jekk il-finanzjament ikun jinsab f'pajjiżi fejn il-maġġoranza tal-allokazzjonijiet (> 50 % tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment) jkunu mistennija f'oqsma ta' Koeżjoni jew ta' Tranżizzjoni Ġusta ([2]), jew, operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment li jimmiraw speċifikament il-prijoritajiet tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni fi Stati Membri tal-UE ([3]) innovaturi moderati u emerġenti, l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment għandha tiżdied b'punt wieħed. Għandhom jingħataw punti addizzjonali jekk l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tiffoka fuq segmenti vulnerabbli/ristretti tal-ekosistema tal-SMEs (mikrointrapriżi, intrapriżi soċjali, intrapriżi mmexxija mill-impatt, negozji ġodda jew kumpaniji li għadhom jibdew, kumpaniji b'sidien nisa jew immexxijin min-nisa., kumpaniji mmexxijin minn gruppi vulnerabbli/żvantaġġati, bdiewa żgħażagħ eċċ.) jew jekk tkun timmira lejn prijoritajiet ta' politika addizzjonali (is-sostenibbiltà, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, id-diġitalizzazzjoni, l-investiment fiż-żoni rurali, fis-setturi kulturali u f'dawk kreattivi). Il-punteġġ finali jikkorrispondi għas-somma tal-punti miksuba taħt A, B, C, u D kif deskritt hawn taħt.

A. Aċċess għall-finanzjament (Mhux ħażin = 1)
B. Jiżdied punt wieħed, f'każ li l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tkun f'qasam ta' Koeżjoni/Tranżizzjoni Ġusta (aktar minn 50 % tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment) jew jekk tkun immirata speċifikament lejn il-prijoritajiet tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni fi Stati Membri tal-UE innovaturi moderati u emerġenti
C. Jiżdied punt wieħed, jekk l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment timmira lejn segmenti vulnerabbli/ristretti (minn 10 % sa 50 % tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment) JEW Jiżdiedu żewġ punti jekk l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment timmira lejn segmenti vulnerabbli/ristretti (aktar minn 50 % tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment)
D. Jiżdied punt wieħed jekk l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment timmira lejn prijoritajiet ta' politika addizzjonali (minn 10 % sa 50 % tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment) JEW Jiżdiedu żewġ punti jekk l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment timmira lejn prijoritajiet ta' politika addizzjonali (aktar minn 50 % tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment)

([2]) Fil-każ ta' Operazzjonijiet Qafas, il-kriterju jenħtieġ li jiġi vverifikat fil-livell aggregat.

([3]) Għal referenza dwar l-Istati Membri tal-UE Innovaturi Moderati u Emerġenti irreferi għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea fuq https://ec.europa.eu/growth/industry/policy/innovation/scoreboards_mt

APPENDIĊI 3

Pilastru 4 - Kontribuzzjoni finanzjarja u teknika mis-sieħeb tal-implimentazzjoni

Tabella 1

Finanzjament dirett

Indikaturi	Mhux ħażin (= 1)	Tajjeb (= 2)	Tajjeb ħafna (= 3)	Eċċellenti (= 4)
1. Benefiċċji finanzjarji ġġenerati permezz tal-intervent tas-sieħeb ta' implimentazzjoni (ponderazzjoni: 12,5 %)	FVA ([1]) <= 5 pbs	5 bps< FVA<= 30bps	30 bps< FVA<= 100 bps	FVA > 100 pb
	Kull operazzjoni oħra ta' finanzjament jew ta' investiment mhux elenkata fit-taqsimiet li ġejjin.	Segmenti superjuri.	Self subordinat, segmenti mezzana, bonds ibridi, self kontinġenti u prodotti ta' garanzija.	Operazzjonijiet ta' ekwità u ta' kważi-ekwità.
2. Skadenza itwal (ponderazzjoni: 25 %)	Ir-riċevitur finali regolarment jiġbor fondi b'maturitajiet simili jew l-estensjoni tal-perjodu ta' maturità tkun inqas minn 30 %.	Ir-riċevitur finali jista' faċilment jiġbor fondi b'maturitajiet simili jew l-estensjoni tal-perjodu ta' maturità tkun bejn 30 % u 49 %.	Ir-riċevitur finali jista', b'xi diffikultà, jiġbor fondi b'maturitajiet simili jew l-estensjoni tal-perjodu ta' maturità tkun bejn 50 % u 99 %.	Ir-riċevitur finali ma jkunx jista' jiġbor fondi b'maturitajiet simili jew l-estensjoni tal-perjodu ta' maturità tkun ta' 100 % jew aktar.
3. Benefiċċju/i ieħor/oħrajn iġġenerat(i) għar-riċevituri finali (ponderazzjoni: 12,5 %)	Elementi tal-punteġġ applikabbli: (a) flessibbiltà tal-ġbid ta' kreditu, (b) ripagamenti sculpted, (c) tul tal-perjodu ta' disponibbiltà għall-iżborż, (d) tul tal-perjodu ta' grazzja, (e) possibbiltà li r-rati tal-imgħax jiġu kkonvertiti/riveduti,		(f) tul tal-perjodu tar-rata tal-imgħax fissa, (g) finanzjament fil-munita lokali fl-UE, (h) kontribut għad-diversifikazzjoni u għall-istabbiltà tal-finanzjament tar-riċevitur finali, (i) pożizzjoni subordinata, (j) oħrajn, li jridu jiġu speċifikati (bħal rekwiżiti ta' kollateral, li jistgħu jfeġġu fil-kuntest tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment).	
	L-ebda wieħed mill-elementi ta' hawn fuq ma huwa applikabbli.	Wieħed jew tnejn mill-elementi ta' hawn fuq huma applikabbli.	Minn tlieta sa erbgħa mill-elementi ta' hawn fuq huma applikabbli.	Mill-inqas ħamsa mill-elementi ta' hawn fuq huma applikabbli.
4. Effett ta' inklużjoni u ta' sinjalar (ponderazzjoni: 25 %)	L-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fl-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment ma huwiex mistenni li jkollu: (i) effett katalitiku fuq l-attraenza ta' kofinanzjaturi/garanti/investituri oħra. (eż kofinanzjamenti tal-PI bil-fondi proprji tas-sellief biss); u/jew (ii) kwalunkwe effett ta' sinjalar fis-suq rispettiv.	L-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fl-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment huwa mistenni li jkollu xi impatt fuq il-mobilizzazzjoni ta' kofinanzjaturi/garanti/investituri oħrajn u s-sinjalar li l-operazzjoni/l-investimenti huma mistennija li jkunu sodi u ta' min jappoġġahom, biex b'hekk jiġu ffaċilitati l-finanzjament sħiħ u l-implimentazzjoni.	L-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fl-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment huwa mistenni li jkollu impatt sinifikanti fuq id-deċiżjoni ta' finanzjaturi/garanti/investituri oħrajn li jimpenjaw ruħhom għall-operazzjoni jew li jikkoinvestu flimkien magħha, biex b'hekk ikollu effett katalitiku qawwi. Dan jinkludi sitwazzjonijiet li fihom is-sieħeb ta' implimentazzjoni kien strumentali fil-kombinazzjoni tal-finanzjament tiegħu ma' għotjiet minn partijiet terzi jew forom oħra ta' appoġġ estern għal proġetti/programmi speċifiċi.	L-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fl-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment huwa mistenni li jkun kruċjali għall-materjalizzazzjoni tal-operazzjoni u/jew għall-ilħuq ta' livell ta' finanzjament immirat (mingħajr il-PI, il-proġett x'aktarx li ma jseħħx jew ma jkollux l-istess veloċità jew daqs). Dan jinkludi eż. i) is-sieħeb ta' implimentazzjoni li jassumi r-rwol ta' investitur fundamentali, ii) il-kombinazzjoni tas-self mis-sieħeb ta' implimentazzjoni ma' riżorsi pubbliċi u/jew privati ta' parti terza.

5. Konsulenza finanzjarja u/jew għarfien espert dwar l-istrutturar (ponderazzjoni: 12,5 %)	L-għarfien espert dwar l-istrutturar finanzjarju tas-sieħeb ta' implimentazzjoni ma huwiex meħtieġ, u l-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni huwa mistenni li jkun marġinali. L-oriġinazzjoni tal-investiment ma tibbenefikax mill-għarfien espert tas-sieħeb ta' implimentazzjoni.	L-għarfien espert dwar l-istrutturar finanzjarju tas-sieħeb ta' implimentazzjoni huwa mistenni li jkollu impatt pożittiv fuq l-istruttura ta' finanzjament tal-investiment u huwa mistenni li jkun ta' valur għall-kontroparti, u/jew l-oriġinazzjoni tal-investiment hija mistennija li tibbenefika mill-għarfien espert tas-sieħeb ta' implimentazzjoni.	L-għarfien espert dwar l-istrutturar finanzjarju tas-sieħeb ta' implimentazzjoni huwa mistenni li jkollu impatt sinifikanti fuq l-istruttura ta' finanzjament tal-investiment u huwa mistenni li jkun ta' valur sinifikanti għall-kontroparti (eż. permezz tal-aċċellerazzjoni tal-għeluq finanzjarju jew l-applikazzjoni ta' strutturi standardizzati eċċ.) u/jew l-oriġinazzjoni tal-investiment hija mistennija li tibbenefika mill-għarfien espert tas-sieħeb ta' implimentazzjoni.	Il-kontribuzzjoni tas-sieħeb ta' implimentazzjoni bl-għarfien espert tiegħu dwar l-istrutturar finanzjarju hija mistennija li tkun innovattiva u li jkollha valur għoli għall-kontroparti (eż. permezz tal-aċċellerazzjoni tal-għeluq finanzjarju b'mod sinifikanti jew bl-applikazzjoni ta' strutturi standardizzati għal każijiet kumplessi, assistenza teknika jew appoġġ konsultattiv għall-istrutturar finanzjarju tal-operazzjoni, l-esperti tas-settur finanzjarju eċċ.).
6. Konsulenza teknika u kontribuzzjoni (ponderazzjoni: 12,5 %)	L-għarfien espert tekniku u/jew is-servizzi ta' konsulenza tas-sieħeb ta' implimentazzjoni ma kinux meħtieġa mir-riċevitur finali.	Il-konsulenza teknika tas-sieħeb ta' implimentazzjoni tiżgura l-kwalità tal-investiment permezz ta' kundizzjonijiet ta' żborż speċifiċi għall-proġett, interventi ad hoc (eż. missjonijiet ta' monitoraġġ biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-iżborż). JEW Rapporti annwali dwar il-progress tal-proġett	Is-sieħeb ta' implimentazzjoni jappoġġa t-tħejjija teknika jew l-istrutturar tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment biex tiġi allinjata aħjar mal-objettivi ta' politika JEW Kontribuzzjonijiet immirati (tekniċi, ekonomiċi, tal-akkwist, klimatiċi, ambjentali, soċjali), u gwida siewja dwar il-karatteristiċi tal-proġett jew l-għażliet tad-disinn, interventi regolari (eż. missjonijiet ta' monitoraġġ biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards). JEW Monitoraġġ immirat (tal-akkwist, klimatiku, ambjentali, soċjali).	Is-sieħeb ta' implimentazzjoni jappoġġa t-tħejjija teknika jew l-istrutturar tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment biex tiġi allinjata għalkollox mal-objettivi ta' politika. JEW L-appoġġ tekniku tas-sieħeb ta' implimentazzjoni għandu impatt kbir fuq il-kwalità teknika jew ekonomika tal-investiment, b'mod partikolari permezz ta' assistenza teknika speċifika jew appoġġ konsultattiv ipprovdut. JEW Monitoraġġ fiżiku sinifikanti, bħal proġetti kumplessi jew proġetti ta' riskju għoli.

([1]) FVA = valur finanzjarju miżjud. Dan jirrappreżenta d-differenza bejn l-eqreb alternattiva tas-suq (spiża ta' finanzjament alternattiva) għar-riċevitur finali u l-prezz tas-self ipprovdut mis-sieħeb ta' implimentazzjoni. L-ispiża ta' finanzjament alternattiva tar-riċevitur finali tista' tiġi ddeterminata b'referenza diretta għal bond likwidu jew self iffirmat reċentement mill-istess emittent għal durata simili għal dik tas-self ipprovdut mis-sieħeb ta' implimentazzjoni. Fil-kofinanzjament, l-aktar tqabbil rilevanti huwa l-faċilità kummerċjali parallela, diment li l-prezz ikun magħruf u li l-istrutturi jkunu raġonevolment komparabbli. Inkella, jekk strument bħal dan ma jeżistix, bond/self maħruġ minn entità komparabbli jista' jintuża bħala indikatur. L-ipprezzar tas-suq se jitnissel mil-livelli tal-kummerċ primarji u sekondarji tal-bonds jew tas-self magħżula, inklużi it-tariffi annwalizzati. Billi jeżisti livell għoli ta' varjabbiltà fl-ipprezzar għall-biċċa l-kbira tal-bonds tas-suq sekondarju, jenħtieġ li tingħata attenzjoni li l-ispiża ta' finanzjament alternattiva magħżula tkun tirrifletti jew il-medji fuq perjodu itwal jew il-kundizzjonijiet attwali tas-suq jekk dawn ikunu mistennija li jipprevalu.

Tabella 2

inanzjament intermedju

Indikaturi	Mhux ħażin (= 1)	Tajjeb (= 2)	Tajjeb ħafna (= 3)	Eċċellenti (= 4)
1. Benefiċċji finanzjarji ġġenerati mill-intervent tas-sieħeb ta' implimentazzjoni (ponderazzjoni: 35 %)	Kull operazzjoni oħra ta' finanzjament jew ta' investiment mhux elenkata fit-taqsimiet li ġejjin.	Segmenti superjuri.	Self subordinat, segmenti mezzana, bonds ibridi, self kontinġenti u prodotti ta' garanzija.	Operazzjonijiet ta' ekwità u ta' kważi-ekwità.
2. Effett ta' inklużjoni u ta' sinjalar (ponderazzjoni: 40 %)	L-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fl-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment ma huwiex mistenni li jkollu: (i) effett katalitiku fuq l-attraenza ta' kofinanzjaturi/garanti/investituri oħra. (eż kofinanzjamenti tal-PI bil-fondi proprji tas-sellief biss); u/jew (ii) kwalunkwe effett ta' sinjalar fis-suq rispettiv.	L-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fl-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment huwa mistenni li jkollu xi impatt fuq il-mobilizzazzjoni ta' kofinanzjaturi/garanti/investituri oħrajn u s-sinjalar li l-investimenti huma mistennija li jkunu sodi u ta' min jappoġġahom, biex b'hekk jiġu ffaċilitati l-finanzjament u l-implimentazzjoni sħaħ.	L-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fl-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment huwa mistenni li jkollu impatt sinifikanti fuq id-deċiżjoni ta' finanzjaturi/garanti/investituri oħrajn li jimpenjaw ruħhom għall-operazzjoni jew li jikkoinvestu flimkien magħha, u b'hekk ikollu effett katalitiku qawwi. Dan jinkludi sitwazzjonijiet li fihom is-sieħeb ta' implimentazzjoni kien strumentali fil-kombinazzjoni tal-finanzjament tiegħu ma' għotjiet minn partijiet terzi jew forom oħra ta' appoġġ estern għal proġetti/programmi speċifiċi.	L-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni fl-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment huwa mistenni li jkun kruċjali għall-materjalizzazzjoni tal-operazzjoni u/jew għall-kisba ta' livell ta' finanzjament immirat. Dan jinkludi eż. i) is-sieħeb ta' implimentazzjoni li jassumi r-rwol ta' investitur fundamentali, ii) il-kombinazzjoni tas-self mis-sieħeb ta' implimentazzjoni ma' riżorsi pubbliċi u/jew privati ta' parti terza.
3. Konsulenza finanzjarja u għarfien espert dwar l-istrutturar (ponderazzjoni: 12,5 %)	L-għarfien espert dwar l-istrutturar finanzjarju tas-sieħeb ta' implimentazzjoni ma huwiex meħtieġ, u l-involviment tas-sieħeb ta' implimentazzjoni huwa mistenni li jkun marġinali. L-oriġinazzjoni tal-investiment ma tibbenefikax mill-għarfien espert tas-sieħeb ta' implimentazzjoni.	L-għarfien espert dwar l-istrutturar finanzjarju tas-sieħeb ta' implimentazzjoni huwa mistenni li jkollu impatt pożittiv fuq l-istruttura ta' finanzjament tal-investiment u huwa mistenni li jkun ta' valur għall-kontroparti, u/jew l-oriġinazzjoni tal-investiment hija mistennija li tibbenefika mill-għarfien espert tas-sieħeb ta' implimentazzjoni.	L-għarfien espert dwar l-istrutturar finanzjarju tas-sieħeb ta' implimentazzjoni huwa mistenni li jkollu impatt sinifikanti fuq l-istruttura ta' finanzjament tal-investiment u huwa mistenni li jkun ta' valur sinifikanti għall-kontroparti (eż. permezz tal-aċċellerazzjoni tal-għeluq finanzjarju jew l-applikazzjoni ta' strutturi standardizzati eċċ.) u/jew l-oriġinazzjoni tal-investiment hija mistennija li tibbenefika mill-għarfien espert tas-sieħeb ta' implimentazzjoni.	Il-kontribuzzjoni tas-sieħeb ta' implimentazzjoni bl-għarfien espert tiegħu dwar l-istrutturar finanzjarju hija mistennija li tkun innovattiva u li jkollha valur għoli għall-kontroparti (eż. permezz tal-aċċellerazzjoni tal-għeluq finanzjarju b'mod sinifikanti jew bl-applikazzjoni ta' strutturi standardizzati għal każijiet kumplessi, assistenza teknika jew appoġġ konsultattiv għall-istrutturar finanzjarju tal-operazzjoni, l-esperti tas-settur finanzjarju eċċ.).

4. Konsulenza teknika u kontribuzzjoni (ponderazzjoni: 12,5 %)	Is-sieħeb ta' implimentazzjoni ma huwiex mistenni li jipprovdi konsulenza teknika jew bini tal-kapaċità lill-intermedjarju.	Is-sieħeb ta' implimentazzjoni huwa mistenni li jistabbilixxi kundizzjonijiet partikolari relatati mal-implimentazzjoni tat-tranżazzjonijiet sottostanti u li jipprovdi parir lill-intermedjarju biex jagħżilhom jew jistenna li dak il-parir ikun meħtieġ fl-implimentazzjoni tal-kriterji relatati mal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment mill-intermedjarju.	Is-sieħeb ta' implimentazzjoni jistenna li jipparteċipa fl-assistenza teknika jew fit-taħriġ ipprovdut lill-intermedjarju sabiex itejjeb il-prestazzjoni jew il-kapaċità tiegħu li jissodisfa r-rekwiżiti (eż. dwar ir-rapportar, l-eliġibbiltà, l-aspetti ta' sostenibbiltà u l-istandards tal-akkwist). L-assistenza hija mistennija li tmur lil hinn mid-diliġenza dovuta standard tal-PI fl-istadju ta' evalwazzjoni.	Huma mistennija li jiġu pprovduti assistenza jew konsulenza teknika estensiva biex jappoġġaw lill-intermedjarju biex jiżviluppa segmenti tan-negozju ta' impatt partikolari kif rifless fl-oqsma ta' politika InvestEU. L-assistenza hija mistennija li tmur lil hinn mid-diliġenza dovuta standard tal-PI fl-istadju ta' evalwazzjoni.

APPENDIĊI 4

Pilastru 5 - Impatt tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment

Tabella 1

Finanzjament Dirett

Impatt tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment					
		Mhux ħażin (= 1)	Tajjeb (= 2)	Tajjeb ħafna (= 3)	Eċċellenti (= 4)
1. Impatt fuq l-ekonomija u t-tkabbir (ERR) (ponderazzjoni: 40 %) JEW Valutazzjoni kwalitattiva ([1])		> 0 % - 5 %	5 %-7 %	7 %-10 %	> 10 %
		Il-punteġġ se jingħata abbażi ta' valutazzjoni kwalitattiva ġġustifikata kif xieraq tal-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-proġett, u l-kontribut mistenni tiegħu għall-attività ekonomika u għat-tkabbir.			
2. Impatt fuq l-impjiegi (ponderazzjoni: 15 %)		Fażi tal-kostruzzjoni/fażi tal-implimentazzjoni (FTE/EUR miljun) < 3	Fażi tal-kostruzzjoni/fażi tal-implimentazzjoni (FTE/EUR miljun) 3-6	Fażi tal-kostruzzjoni/fażi tal-implimentazzjoni (FTE/EUR miljun) 6-8	Fażi tal-kostruzzjoni/l-implimentazzjoni (FTE/EUR miljun) > 8
		Fażi operattiva (FTE/EUR miljun) < 0,4	Fażi operattiva (FTE/EUR miljun) 0,4-0,7	Fażi operattiva (FTE/EUR miljun) 0,7-1,1	Fażi operattiva (FTE/EUR miljun) > 1,1
3. Aspetti ta' verifika tas-sostenibbiltà (ponderazzjoni - 45 %) + bonus	a. Klima (ponderazzjoni: 15 %)	Impatti negattivi mhux immitigati kompletament, l-ebda impatt pożittiv sinifikanti.	Impatti negattivi mmitigati parzjalment, xi impatt pożittiv.	Impatti negattivi mhux immitigati kompletament, l-ebda impatt pożittiv sinifikanti	Impatti negattivi mmitigati parzjalment, xi impatt pożittiv
	b. Ambjent (ponderazzjoni: 15 %)	Impatti negattivi mhux immitigati kompletament, l-ebda impatt pożittiv sinifikanti.	Impatti negattivi mmitigati parzjalment, xi impatt pożittiv.	L-impatti negattivi mmitigati kompletament, impatt pożittiv sinifikanti.	Impatti negattivi mmitigati kompletament, impatt pożittiv sostanzjali ħafna.
	c. Dimensjoni soċjali (ponderazzjoni: 15 %)	Impatti negattivi mhux immitigati kompletament, l-ebda impatt pożittiv sinifikanti.	Impatti negattivi mmitigati parzjalment, xi impatt pożittiv.	Impatti negattivi mmitigati kompletament, impatt pożittiv sinifikanti.	Impatti negattivi mmitigati kompletament, impatt pożittiv sostanzjali ħafna.
	Bonus Lista ta' kontroll tal-aġenda pożittiva (ponderazzjoni: total ta' 22,5 % għat-tliet dimensjonijiet)	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Ara t-Tabella 3 għal aktar dettalji

([1]) Is-sħab ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jispjegaw ir-raġuni għalfejn ma jistax jiġi kkalkolat ERR.

Tabella 2

Aspetti ta' verifika tas-sostenibbiltà – informazzjoni dettaljata (finanzjament dirett)

		Mhux ħażin	Tajjeb	Tajjeb ħafna	Eċċellenti
Klima 15 %	Impatti negattivi u riskji relatati mal-proġett [1] (ponderazzjoni: 50 %)	— Teżisti xi mitigazzjoni sinifikanti tat-tibdil fil-klima u/jew ħassib dwar l-adattament li ma jistgħux jiġu mmitigati jew ikkumpensati kompletament. — Il-proġett jiffaċċja riskji **għoljin** relatati mat-tibdil fil-klima, u qed jiġu implimentati xi miżuri ta' mitigazzjoni, li jindirizzaw parzjalment dawk ir-riskji.	— L-impatti negattivi sinifikanti tnaqqsu jew ġew limitati permezz ta' miżuri previsti biex jiġi evitat, imnaqqas jew, jekk possibbli, ibbilanċjat kull effett negattiv sinifikanti identifikat. — Il-proġett jiffaċċja riskji **medji** relatati mat-tibdil fil-klima, u qed jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni, li jindirizzaw dawn ir-riskji parzjalment.	— Għad fadal xi impatti negattivi wara l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni, iżda dawn ma humiex sinifikanti u l-ebda miżura ulterjuri ma titqies meħtieġa. — Il-proġett jiffaċċja riskji medji jew għoljin relatati mat-tibdil fil-klima, u dawn huma mmitigati u ġestiti tajjeb.	— L-ebda impatt negattiv, jew impatti negattivi negliġibbli biss wara l-miżuri ta' mitigazzjoni (jew li ma jeħtiġux mitigazzjoni) - il-proġett jiffaċċja riskji baxxi relatati mat-tibdil fil-klima. JEW — Riskji għoljin jew medji li huma mmitigati kompletament.
	Impatti pożittivi li jirriżultaw mill-proġett, l-ebda miżura volontarja [2] meħuda mill-promotur tal-proġett/mir-riċevitur finali (ponderazzjoni: 50 %)	Ma ġie identifikat l-ebda impatt pożittiv sinifikanti.	Xi impatti pożittivi marbuta mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew l-adattament għalih jistgħu jiġu identifikati.	Impatti pożittivi sostanzjali (l-objettiv tal-kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għalih huwa indikat b'mod espliċitu, iżda mhuwiex ir-raġuni fundamentali li għaliha qed jitwettaq il-proġett).	Impatti pożittivi sostanzjali (il-proġett huwa kompletament iddedikat għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għalih, huwa r-raġuni fundamentali li għaliha qed jitwettaq il-proġett).
Miżuri volontarji meħuda biex tittejjeb il-prestazzjoni soċjali tal-proġett (ponderazzjoni: 7,5 % (bonus))		*Fuq bażi volontarja, il-promotur tal-proġett taħt il-gwida tas-sieħeb ta' implimentazzjoni, se jgħaddi minn azzjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, kif rilevanti għall-proġett:* — *it-twettiq tal-verifika klimatika (adattament u/jew mitigazzjoni) għal proġetti ta' finanzjament dirett taħt il-limitu*			
Ambjent 15 %	Impatti negattivi u riskji relatati mal-proġett (50 %)	hemm xi impatti jew riskji negattivi sinifikanti li ma kinux mitigati kompletament	l-impatti jew ir-riskji negattivi sinifikanti tnaqqsu jew ġew limitati permezz ta' miżuri previsti biex jiġi evitat, imnaqqas jew, jekk possibbli, ibbilanċjat kwalunkwe effett negattiv sinifikanti identifikat))	għad hemm xi impatti jew riskji negattivi wara l-mitigazzjoni, iżda dawn ma humiex sinifikanti u l-ebda miżura oħra ma hija meħtieġa	l-ebda impatt jew riskju negattiv jew impatti jew riskji negattivi negliġibbli biss wara l-mitigazzjoni (jew li ma jeħtiġux mitigazzjoni)

		Mhux ħażin	Tajjeb	Tajjeb ħafna	Eċċellenti
	Impatti pożittivi li jirriżultaw mill-proġett, l-ebda miżura volontarja meħuda mill-promotur tal-proġett/mir-riċevitur finali (ponderazzjoni: 50 %)	l-ebda impatt sinifikanti pożittiv	xi impatti pożittivi fuq l-elementi ambjentali setgħu jiġu identifikati	impatti pożittivi sinifikanti (l-objettiv tal-kontribut għall-objettiv ambjentali huwa indikat b'mod espliċitu, iżda mhuwiex ir-raġuni fundamentali li għaliha qed jitwettaq il-proġett)	impatti pożittivi sostanzjali (il-proġett huwa kompletament iddedikat għall-objettiv ambjentali, li huwa r-raġuni fundamentali li għaliha qed jitwettaq il-proġett)
Miżuri volontarji meħuda biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-proġett (ponderazzjoni: 7,5 % (bonus)) (bonus)		*Fuq bażi volontarja, il-promotur tal-proġett taħt il-gwida tas-sieħeb ta' implimentazzjoni, se jgħaddi minn azzjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, kif rilevanti għall-proġett:* — *miżuri volontarji huma meħuda mill-promotur tal-proġett/mir-riċevitur finali biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-proġett, inkluż permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni biex jiġu mmitigati/ikkumpensati aktar l-impatti negattivi*			
Soċjali 15 %	Impatti negattivi u riskji relatati mal-proġett (ponderazzjoni: 50 %)	Jeżistu xi impatti negattivi sinifikanti li ma jistgħux jiġu mmitigati jew ikkumpensati kompletament	Xi impatti negattivi sinifikanti tnaqqsu jew ġew limitati permezz ta' miżuri previsti biex jiġi evitat, imnaqqas jew, jekk possibbli, ikkumpensat kull effett negattiv sinifikanti identifikat	Fadal xi impatti negattivi wara l-mitigazzjoni, iżda dawn ma humiex sinifikanti u l-ebda miżura ta' kumpens ma hija meħtieġa	L-ebda impatt negattiv jew impatti temporanji negattivi negliġibbli biss wara l-mitigazzjoni (jew li ma jeħtiġux mitigazzjoni)
	Impatti pożittivi li jirriżultaw mill-proġett, l-ebda miżura volontarja meħuda mill-promotur tal-proġett/mir-riċevitur finali (ponderazzjoni: 50 %)	L-ebda impatt pożittiv sinifikanti	Xi impatti pożittivi fuq l-aspetti soċjali setgħu jiġu identifikati.	Impatti pożittivi sinifikanti (l-objettiv tal-kontribut għall-aspetti soċjali huwa indikat b'mod espliċitu, iżda mhuwiex ir-raġuni prinċipali li għaliha qed jitwettaq il-proġett)	Impatti pożittivi sostanzjali (il-proġett huwa kompletament iddedikat lill-objettivi soċjali, li huma r-raġuni fundamentali li għalihom qed jitwettaq il-proġett)
Miżuri volontarji meħuda biex tittejjeb il-prestazzjoni soċjali tal-proġett (ponderazzjoni: 7,5 % (bonus))		*Fuq bażi volontarja, il-promotur tal-proġett taħt il-gwida tas-sieħeb ta' implimentazzjoni, se jgħaddi minn azzjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, kif rilevanti għall-proġett:* — *miżuri volontarji huma meħuda mill-promotur tal-proġett/mir-riċevitur finali biex tittejjeb il-prestazzjoni soċjali tal-proġett*			

([1]) Il-proġett f'tifsira komprensiva inkluż pereżempju miżuri kompensatorji u ta' mitigazzjoni rilevanti stabbiliti biex jindirizzaw it-tħassib dwar it-tibdil fil-klima marbuta mal-mitigazzjoni (jiġifieri l-emissjonijiet ta' gassijiet serra) u l-adattament (jiġifieri l-indirizzar tal-perikli, l-impatti u r-riskji tat-tibdil fil-klima).

([2]) Kif deskritt fil-gwida dwar il-verifika tas-sostenibbiltà skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-aġenda pożittiva.

Tabella 3

Finanzjament Intermedju

Impatt tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment				
	Mhux ħażin (= 1)	Tajjeb (= 2)	Tajjeb ħafna (= 3)	Eċċellenti (= 4)
1. Żieda fl-aċċess għall-finanzjament u titjib tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament għar-riċevituri finali (ponderazzjoni: 80 %)				
a. L-iskala tal-finanzjament mistennija li ssir disponibbli mill-intermedjarju finanzjarju lir-riċevituri finali relatati mal-finanzjament appoġġat minn InvestEU (ponderazzjoni: 30 %)	Skala ta' finanzjament mistennija limitata (< darbtejn).	Skala ta' finanzjament mistennija moderata (bejn 2 u 3 darbiet).	Skala ta' finanzjament mistennija għolja (bejn 3 u 5 darbiet).	Skala ta' finanzjament mistennija konsiderevolment għolja (aktar minn 5 darbiet).
b. Benefiċċji għar-riċevituri finali ([1]) (ponderazzjoni: 30 %)	L-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tippermetti lill-intermedjarju/i joffri/u termini aktar favorevoli lir-riċevituri finali permezz ta': (a) flessibbiltà tal-ġbid ta' kreditu, (b) ripagamenti sculpted (c) tul tal-perjodu ta' disponibbiltà għall-iżborżi, (d) tul tal-perjodu ta' grazzja, (e) maturità itwal, (f) finanzjament fil-munita lokali fl-UE,		(g) kontribuzzjoni għad-diversifikazzjoni u l-istabbiltà tal-finanzjament tar-riċevitur finali (h) żieda fid-disponibbiltà ta' dejn alternattiv mhux bankarju u/jew finanzjament tal-ekwità, (i) pożizzjoni subordinata, (j) rekwiżiti tal-kollateral, (k) trasferiment ta' vantaġġ finanzjarju mill-intermedjarju lir-riċevitur finali, (l) oħrajn, li għandhom jiġu speċifikati (li jistgħu jfeġġu fil-kuntest tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment).	
	L-ebda wieħed mill-elementi ta' hawn fuq ma huwa applikabbli.	Wieħed jew tnejn mill-elementi ta' hawn fuq huma applikabbli.	Minn tnejn sa tlieta mill-elementi ta' hawn fuq huma applikabbli.	Aktar minn tlieta mill-elementi ta' hawn fuq huma applikabbli.
c. L-impatt mistenni fuq l-ekosistema finanzjarja (ponderazzjoni:20 %)	Attivitajiet ta' finanzjament/investiment mistennija li jappoġġaw intermedjarji stabbiliti sew, filwaqt li jżommu l-mezzi ta' finanzjament eżistenti l-aktar fil-livell lokali b'arrikkiment reċiproku limitat jew interazzjonijiet ma' ekosistema usa'.	Attivitajiet ta' finanzjament/ investiment mistennija li jappoġġaw bil-kbir l-intermedjarji stabbiliti sew, iżidu jew jespandu l-mezzi ta' finanzjament lil hinn mill-ekosistema lokali tagħhom biex jindirizzaw l-objettivi ta' politika tal-InvestEU kif definiti fl-Artikoli 3 u 8 tar-Regolament InvestEU.	Parti sinifikanti mill-attivitajiet ta' finanzjament/investiment hija mistennija li titwassal billi jiġu appoġġati intermedjarji ġodda, inkluża kategorija ġdida ta' intermedjarji, jew billi jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' finanzjament alternattivi jew mezzi ta' investiment biex jiġu indirizzati l-objettivi ta' politika tal-InvestEU kif definiti fl-Artikoli 3 u 8 tar-Regolament InvestEU.	L-attivitajiet ta' finanzjament/ investimenti għandhom l-għan li jappoġġaw interventi ġodda f'settur, f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika kif definiti fil-ftehimiet ta' garanzija, jew dawk vertikali, u/jew billi jitrawwmu s-sħubijiet, l-iżvilupp ta' pjattaformi jew kollaborazzjonijiet sistematiċi b'xi mod ieħor f'ekosistema usa' biex jiġu indirizzati l-objettivi ta' politika ta' InvestEU kif definiti fl-Artikoli 3 u 8 tar-Regolament InvestEU.

2. **Impjiegi (ponderazzjoni: 20 %)**

Għadd ta' impjiegi mistennija li jiġu appoġġati fil-livell tar-riċevituri finali (ponderazzjoni: 20 %)	L-għadd ta' impjiegi (inklużi dawk staġunali u impjiegi part-time) u/jew persuni li jaħdmu għal rashom mistennija li jiġu appoġġati għal kull EUR miljun ta' finanzjament mis-sieħeb ta' implimentazzjoni, huwa mistenni li jkun: — għall-garanziji: inqas minn 50, — għall-ekwità: inqas minn 5.	L-għadd ta' impjiegi (inklużi dawk staġunali u impjiegi part-time) u/jew persuni li jaħdmu għal rashom mistennija li jiġu appoġġati għal kull EUR miljun ta' finanzjament mis-sieħeb ta' implimentazzjoni, huwa mistenni li jkun: — għall-garanziji: bejn 50-100, — għall-ekwità: bejn 5 u 10.	L-għadd ta' impjiegi (inklużi dawk staġunali u impjiegi part-time) u/jew persuni li jaħdmu għal rashom mistennija li jiġu appoġġati għal kull EUR miljun ta' finanzjament mis-sieħeb ta' implimentazzjoni, huwa mistenni li jkun: — għall-garanziji: bejn 100 u 175, — għall-ekwità: bejn 10 u 15.	L-għadd ta' impjiegi (inklużi dawk staġunali u impjiegi part-time) u/jew persuni li jaħdmu għal rashom mistennija li jiġu appoġġati għal kull EUR miljun ta' finanzjament mis-sieħeb ta' implimentazzjoni, huwa mistenni li jkun: — għall-garanziji: iktar minn 300, — għall-ekwità: iktar minn 15.

([1]) Fil-każ ta' Operazzjonijiet Qafas, is-sieħeb ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jindika liema tipi ta' benefiċċji jkunu mistennija li jinkisbu sistematikament fis-sottoproġetti sottostanti.

APPENDIĊI 5

Pilastru 6 - Profil finanzjarju tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta eżempji ta' indikaturi tal-profil finanzjarju li jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet tat-tip ta' dejn u tat-tip ta' ekwità. Skont il-karatteristiċi tal-prodotti/portafolli finanzjarji, jistgħu jiġu pprovduti indikaturi differenti minn sieħeb ta' implimentazzjoni. Għall-Operazzjonijiet Qafas, is-sieħeb ta' implimentazzjoni jkollu jipprovdi wieħed minn dawn li ġejjin: il-firxa ta' klassifikazzjonijiet aċċettabbli ta' sottoproġetti sottostanti, il-klassifikazzjoni medja, il-firxa ta' rati ta' trasferiment, jew karatteristiċi rilevanti oħrajn jekk disponibbli, bħat-telf mistenni u d-durata mistennija tal-portafoll/i sottostanti.

Operazzjonijiet tat-tip ta' dejn (1)		**Eżempju 1**	**Eżempju 2**
	Indikatur tal-profil finanzjarju (f'konformità mal-ftehim ta' garanzija)	Telf mistenni	Rati ta' trasferiment
	Firxa (fejn rilevanti, kif iddefinita fil-ftehim ta' garanzija)	X % ≤ EL ≤ Y %	mhux applikabbli
	Metriċi Sottostanti	Telf mistenni tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment Telf mistenni tal-prodott/portafoll finanzjarju	Rata ta' trasferiment applikabbli għall-portafoll/prodott finanzjarju rilevanti abbażi tat-telf mistenni tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment
Operazzjonijiet tat-tip ta' ekwità	**Indikatur tal-profil finanzjarju** (f'konformità mal-ftehim ta' garanzija)	Rata ta' redditu interna (IRR), klassifikazzjoni tal-kontroparti għal fondi jew metrika/ċi rilevanti oħra li għandhom jiġu miftiehma fil-ftehim ta' garanzija Klassifikazzjoni tal-kontroparti, fejn disponibbli	
	Firxa (fejn rilevanti, kif iddefinita fil-ftehim ta' garanzija)	X ≤ IRR jew metrika/ċi rilevanti oħrajn ≤ Y	
	Metriċi Sottostanti	Rata ta' redditu interna (IRR) għall-fondi jew metrika/ċi rilevanti oħrajn li għandhom jiġu miftiehma fil-ftehim ta' garanzija Klassifikazzjoni tal-kontroparti	

(1) Inklużi garanziji b'limiti u dawk bla limiti.

APPENDIĊI 6

Pilastru 7 — Indikaturi komplimentari

Valuri mistennija li jinkisbu fi tmiem il-ħajja operattiva (1)

Għall-operazzjonijiet kollha ta' finanzjament u ta' investiment:

(a) effett ta' ingranaġġ u effett multiplikatur

(b) ammont ta' investiment mobilizzat

(c) [għadd] stmat tar-riċevituri finali mmirati

(d) investiment li jappoġġa objettivi klimatiċi (2)

(e) investiment li jappoġġa l-objettivi ambjentali[2]

(f) investiment li jappoġġa d-diġitalizzazzjoni[2]

(g) investiment li jappoġġa t-tranżizzjoni industrijali[2]

(h) investiment li jappoġġa t-tranżizzjoni ġusta[2]

(i) investiment għall-provvista ta' infrastruttura kritika[2]

(j) investiment fiċ-ċibersigurtà, fl-ispazju u fid-difiża[2]

(k) fil-każ ta' taħlit ma' sorsi oħra tal-Unjoni, indikazzjoni tal-komponent mhux ripagabbli jew tal-komponent tal-istrument finanzjarju minn programmi oħrajn tal-Unjoni[2]

(l) indikaturi oħrajn speċifiċi għall-operat meħtieġa mill-prodott finanzjarju tal-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, jekk applikabbli

Jekk applikabbli, skont it-tieqa u l-qasam ta' politika tal-operazzjoni u t-tip ta' operazzjoni (operazzjoni diretta jew indiretta):

Tieqa għall-infrastruttura sostenibbli

Enerġija:

(a) kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata u li tkun ġejja minn sorsi oħrajn ta' enerġija sikura u sostenibbli mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet żero (f'megawatts (MW))

(b) għadd ta' unitajiet domestiċi, għadd ta' bini pubbliku u kummerċjali bi klassifikazzjoni mtejba tal-konsum tal-enerġija

(c) iffrankar enerġetiku stmat iġġenerat mill-proġett(i) (f'kilowatt-sigħat (kWh))

(d) emissjonijiet annwali ta' gassijiet serra mnaqqsa/evitati f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO_2

(e) volum ta' investiment fl-iżvilupp, fl-installazzjoni ta' sistemi aktar intelliġenti u fil-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija sostenibbli

Diġitali:

unitajiet domestiċi addizzjonali, intrapriżi jew bini pubbliku b'aċċess għall-broadband ta' mill-inqas 100 Mbps, li jista' jitjieb biex ikollu veloċità ta' gigabits, jew għadd ta' hotspots tal-WIFI maħluqa

Trasport:

(a) l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment hija transfruntiera u/jew tikkontribwixxi għal proġetti b'konnessjonijiet neqsin (inklużi proġetti relatati ma' nodi urbani, konnessjonijiet ferrovjarji reġjonali transfruntiera, pjattaformi multimodali, portijiet marittimi, portijiet interni, konnessjonijiet għall-ajruporti u terminals stradali-ferrovjarji tan-network komprensiv u ewlieni tat-TEN-T)

(b) l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tat-trasport, b'mod partikolari permezz tat-tħaddim tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), is-Sistema tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS), is-Sistema ta' Trasport Intelliġenti (ITS), is-sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti (VTMIS)/servizzi marittimi elettroniċi u r-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR)

(c) għadd ta' punti ta' riforniment ta' fjuwil alternattiv mibnija jew imtejba

(d) l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tikkontribwixxi għas-sikurezza tat-trasport

Ambjent:

l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet u tal-programmi meħtieġa mill-acquis ambjentali tal-Unjoni relatati mal-kwalità tal-arja, tal-ilma, tal-iskart, u tan-natura

It-tieqa tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni

(a) għadd ta' intrapriżi appoġġati li qed iwettqu proġetti ta' riċerka u innovazzjoni

(b) kontribuzzjoni għall-objettiv ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni investit fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni

Tieqa għall-SMEs

(a) għadd ta' intrapriżi appoġġati

(b) il-volum ta' allokazzjonijiet iddedikat għall-SMEs/għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja [%], jekk jista' jiġi stmat b'mod raġonevoli fil-mument tas-sottomissjoni

It-tieqa għall-investiment soċjali u l-ħiliet

(a) infrastruttura soċjali: Kapaċità u aċċess għall-infrastruttura soċjali appoġġata skont is-settur: akkomodazzjoni, edukazzjoni, saħħa, oħrajn

(b) mikrofinanzjament u finanzjament tal-intrapriżi soċjali: għadd ta' riċevituri tal-mikrofinanzjamenti u intrapriżi soċjali appoġġati

(c) ħiliet: Għadd ta' individwi li qed jiksbu ħiliet ġodda jew li ħilithom qed jiġu vvalidati u ċċertifikati: kwalifika formali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ

Għal operazzjonijiet diretti, jekk applikabbli:

(a) Il-bidu u t-tmiem tax-xogħlijiet

(b) Kost tal-investiment tal-proġett

(c) Proporzjon bejn is-sessi ta':

  (i) tat-tim tal-Ġestjoni tar-Riċevitur Finali;

  (ii) il-forza tax-xogħol;

  (iii) sjieda (intraprenditorija).

Għal operazzjonijiet intermedjati:

Aspetti tal-ESG

Indikaturi tal-kompartiment tal-Istati Membri: Indikaturi oħrajn kif miftiehma bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni skont il-ftehim ta' kontribuzzjoni u trasposti fil-ftehim ta' garanzija rilevanti mas-sieħeb ta' implimentazzjoni.

(1) Għall-kalkolu ta' dawn l-indikaturi, għandha tintuża l-metodoloġija teknika żviluppata għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-monitoraġġ ta' InvestEU.

(2) Indikazzjoni jekk l-operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment tikkontribwixxix għall-qasam speċifiku (Iva, Le, jew Mhux magħruf) u jekk applikabbli, l-ammont mistenni li jikkontribwixxi għal tali qasam.